

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-6 ta' Settembru 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bezirksgericht Linz – l-Awstrija) – Peter Schotthöfer & Florian Steiner GbR vs Eugen Adelsmayr**

(Kawża C-473/15) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Estradizzjoni ta' ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea lejn Stat terz fejn dan jinsab f'riskju li jiġi suġġett għall-piena tal-mewt — Ċittadinanza tal-Unjoni — Artikoli 18 u 21 TFUE — Artikolu 19(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Protezzjoni kontra l-estradizzjoni)*

(2017/C 374/14)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bezirksgericht Linz

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Peter Schotthöfer & Florian Steiner GbR

Konvenut: Eugen Adelsmayr

**Dispożittiv**

L-Artikolu 19(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li t-talba għal estradizzjoni li toriġina minn pajjiż terz, li tikkonċerna ċittadin tal-Unjoni li, fl-eżerċizzju tal-libertà ta' moviment tiegħu, jitlaq l-Istat Membru ta' oriġini tiegħu sabiex jissoġġorna fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, għandha tiġi miċħuda minn dan tal-aħħar meta dak iċ-ċittadin ikun jinsab f'riskju serju li jiġi suġġett għall-piena tal-mewt fil-każ ta' estradizzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 406, 7.12.2015.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-5 ta' Lulju 2017 – CBA Spielapparate- und Restaurantbetriebs GmbH vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

(Kawża C-87/17) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Rikors għad-danni — Allegat nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-leġiżlazzjoni Awstrijaka dwar il-kontribuzzjonijiet għal-logħob tal-ażżard — Nuqqas, mill-qrati nazzjonali, li jagħmlu domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja — Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni)*

(2017/C 374/15)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Appellanti: CBA Spielapparate- und Restaurantbetriebs GmbH (rappreżentant: A. Schuster, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.